# Sa fl-aħħar tidħol fis-seħħ il-projbizzjoni tal-iskratać biċ-ċomb fl-artijiet mistagħdra madwar l-UE

## Se jiġu salvati miljun għasfur tal-ilma kull sena

B'seħħ mil-lum, il-15 ta' Frar 2023, l-użu ta' skratać biċ-ċomb fl-artijiet mistagħdra (wetlands) sar illegali fis-27 Stat Membru tal-UE, kif ukoll fl-Iżlanda, in-Norveġja u Lichtenstein. Il-liġi qed tidħol fis-seħħ wara perjodu ta' sentejn mogħti lill-pajjiżi tal-UE biex iħejju ruħhom għal din il-bidla.[1]

B'din il-liġi, hu stmat li se jiġu salvati madwar miljun għasfur tal-ilma u tal-plajja' li llum imutu kaġun ta' avvelenament miċ-ċomb fl-UE, u se tintemm darba għal dejjem il-kontinwazzjoni tal-avvelenament estrem tal-ħajja naturali fl-artijiet mistagħdra. Anke meta l-bniedem ikun espost għaċ-ċomb, dan jista' jkollu konsegwenzi serji, speċjalment fuq it-tfal.

Il-munizzjon taċ-ċomb jikkonsisti f'balal żgħar li l-kaċċaturi jisparaw mis-snieter tagħhom biex joqtlu l-annimali. Dan jintuża biex issir il-kaċċa inkluż għal tajr li jgħix fl-ilma bħal borok, irsieset, fjamingi u għasafar oħra tal-plajja' kif ukoll għal annimali żgħar oħra, fl-artijiet mistagħdra u f'postijiet oħrajn.

Hu stmat li l-kaċċaturi ilhom iniġġsu l-artijiet mistagħdra tagħna b'aktar minn 4,000-5,000 tunnellata ta' ċomb kull sena, minkejja li jeżistu alternattivi bi prezzijiet kompetittivi għaċ-ċomb.

Iċ-ċomb huwa problema b'mod partikolari għat-tajr tal-plajja' u tal-ilma li jibilgħu balal taċ-ċomb, li jaħsbuh żrar: partiċelli żgħar ta' ġebel jew ramel. L-għasafar jibilgħu biċċiet żgħar ta' żrar li jservu bħal snien fil-qanżħa tagħhom, stonku speċjalizzat li għandhom u li hu ffurmat minn ħitan ħoxnin ta' muskoli li jintużaw biex jitħnu l-ikel. Iż-żrar jgħinhom ikissru ikel iebes, bħalma huma ż-żrieragħ.

Din il-projbizzjoni se twassal ukoll biex jonqos l-avvelenament sekondarju tat-tajr tal-priża u tal-annimali magħrufin bħala *scavengers*, jiġifieri li jgħixu l-

aktar fuq laħam ta' annimali oħra mejtin. Dawn regolarment jispiċċaw avvelenati meta jieklu priża li tkun kontaminata biċ-ċomb.

Il-Familja tal-BirdLife, li BirdLife Malta tifforma parti minnha, ilha għal dawn l-aħħar 20 sena taħdem biex l-iskrataċ biċ-ċomb veneluż jiġu projbiti.

**Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana** qal: "BirdLife Malta tittama li anke Malta tista' tiċċelebra din il-kisba u tingħaqad mal-kumplament tal-Ewropa f'din ir-rebħa kbira għan-natura li hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Il-Gvern ta' Malta issa jrid jikkonferma x'jaqa' eżatt taħt it-terminu ta' 'art mistagħdra'. Id-definizzjoni li tagħti l-Konvenzjoni Ramsar dwar l-Art Mistagħdra hija ċara u abbażi ta' dawn il-linji gwida m'għandux ikun permess l-użu ta' skrataċ biċ-ċomb waqt il-kaċċa fil-widien, il-postijiet fejn jinġabar l-ilma u mal-kosta sħiħa ta' Malta. Minħabba li ħafna kaċċaturi llum qed joħolqu għadajjar tal-ilma artifiċjali ħalli jattiraw l-għasafar biex joqogħdu jieħdu gost jikkaċċjaw, anke dawn il-postijiet awtomatikament jibdew jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' art mistagħdra.

Għaldaqstant, wieħed faċilment jista' jasal għall-konklużjoni li Malta u Għawdex m'għandhomx jippermettu aktar l-użu taċ-ċomb fil-prattiċi tal-kaċċa. Ir-responsabbiltà issa taqa' fuq il-Gvern u nittamaw li kif ġara bil-projbizzjoni taċ-ċomb fil-fuel, iż-żebgħa u materjal ieħor, il-Gvern Malti jieħu pożizzjoni favur il-ġid komuni taċ-ċittadini u tan-natura u jwaqqaf l-użu taċ-ċomb darba għal dejjem."

**Barbara Herrero, Senior EU Nature Policy Officer ta' BirdLife Europe,** qalet: "Din il-kisba hija waħda kbira ħafna. Minkejja li ċ-ċomb ġie projbit miż-żebgħa, il-batteriji, il-lapsijiet, u prattikament kull ħaġa oħra għexieren ta' snin ilu, xorta kien għadu qed jitħalla jivvelena l-ambjent tagħna lkoll – anke jekk jeżistu alternattivi. B'din il-projbizzjoni, l-UE indirizzat parti sostanzjali mill-problema. Issa nappellaw lill-pajjiżi tal-UE biex jiżguraw li din il-projbizzjoni tiġi infurzata."

B'xorti ħażina l-projbizzjoni tieqaf biss mal-artijiet mistagħdra. Projettili taċ-ċomb fil-kaċċa u fl-isparar fid-dixxiplini tal-isport ta' barra, kif ukoll iċ-ċomb li jintuża f'tagħmir tas-sajd bħalma huma l-*fishing sinkers* u l-lixka, se jibqa' javvelena l-ambjent. Imma anke hawn is-sitwazzjoni taf tinbidel ma ddumx. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi analizzat ir-riskji ta' dawn l-attivitajiet u għodod għas-saħħa u l-ambjent, u kkonkludiet li hemm lok li tiddaħħal restrizzjoni fuqhom mifruxa madwar l-UE kollha.

Il-Familja tal-BirdLife se tkompli topponi lill-industrija tal-munizzjoni u lil-lobby tal-kaċċa biex tiżgura li l-Ewropa jkollha ambjent li ma jkunx wieħed tossiku, kif jixirqilha.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:**

1. Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes) hija fost l-aktar zoni ta' art mistagħdra mfittxija mill-Maltin
2. Għajn Riħana, żona oħra fejn insibu art mistagħdra f'Malta

**Noti għall-edituri:**
[1] Il-pajjiżi kollha fejn tapplika r-Regolamentazzjoni REACH se jkunu meħtieġa jinfurzaw projbizzjoni fuq il-pussess u l-użu taċ-ċomb ġewwa, jew f'distanza ta' 100m minn, artijiet mistagħdra, kif stabbilit mill-Konvenzjoni Ramsar.

Ir-Ramsar tiddefinixxi artijiet mistagħdra bħala: "artijiet bi bwar, mgħottija kompletament jew parzjalment bl-ilma, artijiet tal-pit jew l-ilma, sew jekk naturali jew artifiċjali, permanenti jew temporanji, bejn insibu ilma statiku jew ġieri, frisk, salmastru inkella mielaħ, inkluż zoni marittimi li l-fond tagħhom waqt marea baxxa ma jaqbiżx is-sitt metri." (Artiklu 1.1 tal-Konvenzjoni)

*BirdLife Europe and Central Asia hija sħubija ta' 43 għaqda nazzjonali ta' konservazzjoni u pijuniera fil-qasam tal-konservazzjoni tal-għasafar. L-istrateġija lokali u globali unika tagħna tgħinna nwasslu miżuri ta' konservazzjoni fit-tul u li jħallu impatt għall-benefiċċju tan-natura u tal-popli. BirdLife Europe and Central Asia hija waħda minn sitt fergħat reġjonali li jiffurmaw il-BirdLife International. Ibbażata fi Brussell, l-NGO tappoġġja lill-Familja tal-BirdLife fl-Ewropa u l-Asja Ċentrali u hija preżenti f'43 pajjiż, inkluż fl-Istati Membri kollha tal-UE. Bi staff ta' aktar minn 4,100 persuna fl-Ewropa, żewġ miljun membru u għexieren ta' eluf ta' voluntieri b'kompetenzi varji, BirdLife Europe and Central Asia, flimkien mal-imsieħba nazzjonali tagħha, hija l-proprjetarja ta', jew timmaniġġja aktar minn 6,000 sit naturali mifruxa fuq total ta' 320,000 ettaru.*